

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13375/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0163 (COD)

CODEC 1383
TRANS 416
MAR 127

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li l-ftehim finali li laħqu l-koleġiżlaturi dwar il-proposta emendata għal Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("EMSA", European Maritime Safety Agency) jintroduċi bidliet fil-governanza meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni. Dawn il-bidliet inaqqsu l-kapaċità tal-Kummissjoni li tiżgura l-konformità mad-dritt tal-Unjoni fir-riżorsi umani u fi kwistjonijiet baġitarji.

Il-bidla mill-unanimità għal maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa fit-tieni ċiklu ta' votazzjoni fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2, iddgħajef l-effettività tas-salvagwardja tal-Kummissjoni li jiġu żgurati amministrazzjoni tajba u ġestjoni finanzjarja tajba. Dan jintroduċi r-riskju li minkejja l-oġġezzjoni formali tal-Kummissjoni, ikunu jistgħu jiġu adottati deċiżjonijiet li jmorru kontra l-qafas legali applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament Finanzjarju Qafas u r-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. Dan jista' jirriżulta wkoll friskji finanzjarji u għar-reputazzjoni serji mhux biss għall-EMSA, iżda wkoll għall-Kummissjoni u għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tappella lill-Aġenzija u lill-Bord tat-Tmexxija tagħha biex jinvolvu ruħhom f'koordinazzjoni bikrija u strutturata mal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tad-deċiżjonijiet kollha li għandhom jiġu sottomessi għall-adozzjoni.
